MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 979/2004

**Sarah Fleri (ID 397474 (M))**

**vs**

**Charles Baldacchino (ID 211868 (M))**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attrici fis-16 ta' Dicembru, 2004, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi l-konvenut huwa debitur tal-attrici fis-somma ta' hamest elef mitejn u tlett Liri Maltin (Lm5,203), oltre l-imghaxijiet skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament, rapprezentanti flus mislufa mill-attrici lill-konvenut personalment f'diversi okkazzjonijiet kif ukoll flus imhallsa mill-attrici lill-terzi f'isem u fuq inkarigu tal-konvenut

personalment f'diversi okkazjonijiet u li l-konvenut naqas milli jhallas lura, kif ghandu jirrizulta ahjar waqt il-kawza;

Illi ghalkemm gie mitlub diversi drabi mill-attrici sabiex ihallas, il-konvenut xorta wahda baqa' inadempjenti;

Illi inoltre, il-konvenut qieghed jiddetjeni ghandu minghajr ebda titolu vettura ossia mutur tal-marka Honda mudell XL70 minghajr numru ta' registrazzjoni, liema vettura ossia mutur tappartjeni lill-attrici in kwantu mixtri u mhallas mill-istess attrici, liema mutur huwa wkoll debitament registrat f'isem l-istess attrici ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta;

Illi inoltre, il-konvenut qieghed jiddetjeni ghandu minghajr ebda titolu vettura ossia mutur iehor tal-marka Honda mudell XL250S bin-numru ta' registrazzjoni ittri "H "A" "U" numri wiehed xejn tmienja (HAU 108), liema vettura, ghalkemm registrata f'isem il-konvenut ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, tappartjeni lill-attrici in kwantu inxtrat u thallset mill-istess attrici;

Illi l-istess konvenut qieghed jiddetjeni ghandu minghajr ebda titolu numru ta' parts ohra relatati ma' l-istess mutur HAU 108, fosthom top-case, hand guards, bike chain, brake pads, seat cover, battery, brake pads, disc brake protector, fork protector, rev counter clocks, skid plate, rear fender, tool box, air u oil filters u cover, kif ghandu jirrizulta ahjar mill-provi;

Illi interpellat diversi drabi sabiex jirritorna l-imsemmija muturi u parts kif ukoll sabiex jaqleb ir-registrazzjoni mal-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta rigward il-mutur Honda XL250S bin-numru ta' registrazzjoni HAU 108 f'isem l-attrici, il-konvenjut baqa inadempjenti;

Talbet ghalhekk li l-konvenut ighid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) tikkundanna lill-konvenut ihallas lil-attrici s-somma ta' hamest elef mitejn u tlett Liri Maltin (Lm5,203) rapprezentanti flus avvanzati mill-attrici lill-konvenut

personalment f'diversi okkazzjonijiet kif ukoll flus imhallsa mill-attrici lill-terzi f'isem u fuq inkarigu tal-konvenut personalment f'diversi okkazjonijiet u li l-konvenut naqas milli jhallas lura, bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament;

(2) tiddikjara illi l-konvenut qieghed izomm ghandu minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi l-mutur tat-tip Honda XL70, minghajr numru ta' registrazzjoni izda registrat f'isem l-attrici ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, previa occorrendo dikjarazzjoni illi l-imsemmi mutur huwa propjeta' ta' l-istess attrici;

(3) tiddikjara illi l-vettura ossia l-mutur tat-tip Honda XL250S bin-numru ta' registazzjoni HAU 108 u l-parts relativi tieghu ossia top-case, hand guards, bike chain, brake pads, seat cover, battery, brake pads, disc brake protector, fork protector, rev counter clocks, skid plate, rear fender, tool box, air u oil filters u cover jappartjenu u huma propjeta' tal-attrici u li l-konvenut qieghed jiddetjeni ghandu l-imsemmi mutur u parts minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi;

(4) konsegwentemnt tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi iffissat lilu minn din l-Onorabbli Qorti jikkonsenja lill-attrici l-vettura ossia mutur tat-tip Honda XL70, kif ukoll il-vettura ossia l-mutur tat-tip Honda XL250S bin-numru ta' registazzjoni HAU 108 u l-parts relativi tieghu kollox kif diga ahjar deskritti;

(5) tikkundanna lill-konvenut sabiex fl-istess zmien qasir u perentorju li jigi iffisat lilu minn din l-Onorabbli Qorti jaghmel dak kollu necessarju minnu sabiex ir-registrazzjoni tal-vettura XL205S ma' l-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta tinbidel sabiex turi lill-attrici bhala s-sid ta' l-imsemmija vettura;

Salv kull dritt iehor spettanti lill-attrici fil-konfront tal-konvenut u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-14 ta' Dicembru, 2004, u tal-Mandat ta' Inibizzjoni li qieghed jigi ipprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

a) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjes kontra l-istess attrici;
b) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, hu ferm kontestat it-talba attrici fir-rigward it-talba ghall-hlas tant li l-attrici ghandha tipprova t-talba taghha kif ukoll li, huma veri w dovuti mill- konvenut;
c) Illi di piu, fin-nuqqas tal-prova tat- talba f‘(b)) hawn fuq indikat, hemm nuqqas ta' kompetenza 'rationae valoris';
d) Illi di piu l-attrici qed taghmel allegazzjonijiet fir-rigward it-titolu fuq il-muturi Honda XL 70 minghajr numru tar-registrazzjoni; Honda mudell XL250S bin-numru tar-registrazzjoni HAU-I08 kif ukoll spare parts, topcase, hand guards, bike chain, seat cover, battery, brake pads, disc brake protector, fork protector, rev counter clocks, skid plate, rear fender, tool box u affarijiet ohra hemm indikati liema pretenzjoni hi biss allegazzjoni u ghalhekk hi trid tipprova titolu qabel ma taghmel il-pretenzjoni taghha liema haga hi kontestata u dan kif se jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

Salv, eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment:

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xhieda ta’ l-attrici illi l-attrici ghamlet zmien twil tohrog mal-konvenut u matul dan iz-zmien kien hemm diversi okkazjonijiet fejn hija sellfet flus lill-istess konvenut u dan ghamlitu ghaliex il-konvenut kien ikun bla xoghol u kien ikollu bzonnijiet finanzjarji urgenti li ma setghax jaghmel tajjeb ghalihom wahdu. Hija kienet tahdem u ghalhekk kienet issellef flus lill-konvenut, u f’dan ir-rigward

l-attrici annettiet cheque images mahruga mill-BOV plc immarkati bhala Dok SS 1 sa Dok SS 9. Dawn huma kopji ta' cheques li hija harget bhala pagament lil terzi fuq inkarigu tal-konvenut. L-attrici xehdet illi apparti minn dawn il-flus kien hemm okkazzjonijiet ohrajn fejn hallset lil terzi fuq inkarigu tal-konvenut fi flus in kontanti. Hija xehdet illi kienet taghmilha cara lill-konvenut illi dawn il-flus kienu b'self u kienet tippretendi li jhallasha lura. L-attrici kompliet tixhed illi ghall-ahhar ta' Lulju tas-sena 2000 il-konvenut ordna mutur tal-marka BMW F650GS minghand Muscat Motors Limited u meta dan il-mutur gie ikkonsenjat lill-konvenut, il-konvenut induna li kien fih xi haga li ma ghogbitux u kien avvicina lill-bejjiegh dwar dan u ftiehem mieghu sabiex ippartat dan il-mutur ma mutur iehor tat-tip BMW R 1150GS. Dan il-ftehim sar ghall-habta ta' Settembru tas-sena 2000 u il-mutur BMW R 1150GS kellu numru ta' registrazzjoni BMW 652 u kien inxtara b'kollox ghall-prezz ta' cirka sitt elef u hames mitt lira Maltin (LM6,500). L-attrici xehdet illi l-konvenut xtara dan il-mutur b'higher purchase u kellu program ta' hlas ta' madwar mija u tlieta u sebghin lira fix-xahar. Dawn l-ammonti kienu dovuti lis-socjeta' United Acceptance Finance Limited. L-attrici qalet illi f'diversi okkazjonijiet il-konvenut ma kienx ikollu flus sabiex jaghmel dawn il-pagamenti tant illi is-socjeta' United Acceptance Finance Limited interpellatu diversi drabi tramite l-avukat difensur taghha sabiex ihallas l-arretrati u fin-nuqqas kienu ser jiehdu lura l-mutur. L-attrici qalet illi dan kien jghidulha l-konvenut stess u gieli uriha uhud minn dawn l-ittri. L-attrici xehdet illi l-konvenut talabha diversi drabi sabiex issellfu l-flus u thallaslu l-pagamenti hi stess. Hekk gara per ezempju f'Novembru 2003 meta l-konvenut irceva ittra minghand l-avukat ta' United Acceptance Finance Limited fejn kien gie interpellat ihallas il-bilanc li kien fl-ammont ta' elf mija u tlieta u tmenin lira Maltin. L-attrici xehdet illi bhal drabi ohrajn il-konvenut kien ilmenta maghha li kienu ser jiehdulu l-mutur u ghalhekk offrietlu li tisilfu l-flus tant li c-cheque relattiv hargitu hi direttament fuq United Acceptance, izda kienet ghamlitha cara hafna mal-konvenut illi kellu jaghtiha lura l-flus li kienet selfitu fil-passat u qaltlu wkoll biex ihallas liz-zija Iris Pace il-flus li kienet selfitu. Hija qalet illi l-konvenut kien accetta u kien

weghda li kien ser ihallas. L-attrici irreferiet ghac-cheques markati minn Dok SS 1 sa Dok SS 7 u qalet illi b'kollox l-ammont totali illi kienet silfet lill-konvenut f'dan ir-rigward jammonta ghal elfejn erba' mija u sebgha u tmenin Liri Maltin (LM2487) u inkluz dan l-ammont hemm is-somma ta' tnax il-lira Maltin (LM12) li kienet hallset b'cash lill-United Acceptance meta darba minnhom kienu marru hi u l-konvenut personalment fl-ufficju ta' din is-socjeta' il-Blata l-Bajda. L-attrici kompliet tixhed dwar il-flus tan-nanna taghha, kif ukoll dwar il-flus illi l-konvenut issellef minghand iz-zija taghha Iris Pace. L-attrici spjegat li meta l-konvenut mar biex jixtri il-mutur BMW R1150GS parti mill-ftehim li kien ghamel mal-venditur kien illi l-konvenut kellu jaghmel down payment. Il-konvenut kien diga lahaq hallas xi flus fuq il-mutur l-iehor li wara spicca biddlu mal-mutur R1150GS u dawn il-flus il-konvenut kien issellifhom minghand iz-zija tal-attrici Iris Pace u dawn il-flus servew bhala parti mid-deposit fuq il-mutur il-gdid, cioe' l-R1150GS. L-attrici xehdet illi l-konvenut ma kellux minn fejn ihallas il-bilanc ta' down payment u l-attrici qaltlu li setghet tissellef xi flus minghand in-nanna taghha Doris Pace. Fil-fatt l-attrici issellfet elf lira Maltin minghand in-nanna taghha Doris Pace u wara sellfet dawn il-flus lill-konvenut. Hija xehdet illi tat dawn il-flus lill-konvenut personalment fi flus kontanti fl-20 ta' Dicembru tas-sena 2000, u il-konvenut kien weghda li kien ser jaghtiha lura dawn il-flus. L-attrici qalet illi meta ma baqghetx tohrog mal-konvenut ghamlet premura mieghu sabiex ifittex jhallas liz-zija l-ammont li kien issellef minghandha u sabiex ifittex ihallas lilha wkoll il-flus li kienet issellfet minghand in-nanna taghha ghalih. L-attrici xehdet illi anke meta ma baqghux johorgu aktar flimkien il-konvenut kien ammetta li kellu jaghtiha dawn il-flus. F'okkazjoni minnhom kienu iltaqghu fil-prezenza ta' certu Connie Magro, li kienet habiba komuni taghhom, u quddiem Connie Magro l-attrici ghamlet enfasi mal-konvenut sabiex qabel ma jhallas il-flus li kienet selfitu minn flusha stess kellu jhallasha l-elf lira sabiex troddhom lura lin-nanna taghha u kienet qaltlu wkoll biex ihallas liz-zija l-ammont li kellu jaghtiha. Quddiem Connie Magro l-attrici xehdet li l-konvenut ma cahadx illi kellu jaghti l-flus liz-zija Iris Pace u lanqas ma cahad li kellu jaghti lill-attrici il-flus li kienet

issellfet minghand in-nanna. Kien qalilha biss li l-ammont kien tant kbir li kienet ser issallbu. L-attrici kompliet tixhed dwar flus li l-konvenut kellu jhallas lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u rigward arrettrati ta' taxxa li ma kienx hallas. L-attrici xehdet li hija u l-konvenut kienu marru flimkien id-Dipartiment tat-Taxxi Interni fejn kienu tkellmu mal-ufficjal inkarigat certu Vince Saliba u ftehmu mieghu li l-konvenut kellu jhallas ammont mensili ta' tnax il-lira Maltin. Dak iz-zmien il-konvenut ma kienx impjegat u ghalhekk kien jitlobha tisilfu l-flus sabiex jevita li jhallas izjed multi u hija kienet ghamlet zmien tisilfu dawn il-flus sa kemm il-konvenut kien qabad jahdem u beda jhallas direttament huwa stess. Hija xehdet illi b'kollox silfet lill-konvenut is-somma ta' sitta u disghin lira f'dan ir-rigward. Hija xehdet illi kienet tohrog cheques indirizzati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u esebiet dawn ic-cekkijiet bhala Dokumenti SS4, SS5, SS8, SS8, SS8, SS8, SS9 u SS9 u qalet illi hija ma kellha taghti xejn lill-Inland Revenue Department u hallset ghan-nom tal-konvenut. L-attrici kompliet tixhed li fiz-zmien li kienu johorgu flimkien hi u l-konvenut kienu hadu life policy ma Middlesea Valletta u kellhom policy separata kull wiehed. Dawn kienu endowment policies u kienu jirrapprezentaw investiment. Huma hadu dawn il-policies f'April tas-sena 1998. L-attrici xehdet illi matul iz-zmien il-konvenut kien ghamel minghajr impjieg kien jitlobha thallaslu l-policy tieghu biex ma jitlifx l-ammont li kien diga hallas. Hija xehdet illi l-konvenut kellu savings account mal-HSBC u kellu standing order li permezz tieghu il-bank kien jiehu il-premium mensili mill-kont tieghu u jhallas lil MiddleSea Valletta direttament. Ghalhekk l-attrici xehdet li kienet tmur il-bank, normalment il-fergha tal-Gzira tal-HSBC u hemm hekk tiddeposita ammont ekwivalenti ghall-premium mensili, cioe' ghoxrin lira Maltin fil-kont tal-konvenut. Hija qalet li dan kienet taghmlu bi flus kontanti u ghamlet hekk kull xahar bejn Awissu tas-sena 2000 u Jannar tas-sena 2001 u Marzu tas-sena 2001 sa Jannar tas-sena 2002, u b'kollox ghalhekk silfet lill-konvenut f'dan ir-rigward is-somma ta' tlett mija u erbghin lira. Precedentement hija xehdet illi kienet silfitu wkoll ghall-istess raguni u bl-istess modlita is-somma ta' tmenin lira Maltin f'Gunju 1998. L-attrici xehdet ukoll illi fil-perjodu li

bdiet tohrog mal-konvenut il-konvenut kellu mutur tal-ghamla Honda Pan European ST1100 u il-konvenut ghall-habta tan-1997 kien twebbel li jikkromjah u ghal dan il-fini il-konvenut kien zarma l-mutur u kien qieghed jibghatu l-Ingilterra bicca, bicca sabiex isir dan il-process tal-chroming u kien talabha tisilfu l-flus biex ikun jista jaghmel hekk u hija accettat. F'dan iz-zmien il-konvenut kellu impjieg u weghda li kien ser ihallasha lura mill-paga tieghu u b'kollox silfitu sitt mitt lira Maltin bi flus kontanti, izda minkejja Ii kien weghda Ii kien ser ihallasha lura il-konvenut baqa ma hallashiex. L-attrici kompliet tixhed illi apparti minn dan kollu kien hemm diversi okkazjonijiet ohrajn fejn silfet xi flus lill-konvenut biex ikun jista jhallas pagamenti li kellu jaghmel fuq muturi ohrajn. Hija kienet silfet lill-konvenut is-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltin (LM270) biex ihallas tlett pagamenti fuq mutur tat-tip KTM Duke li kien xtara minghand Force Forklifters Limited u dan kien parti fl-1998 u parti f'April ta' l-1999. Hija xehdet illi kienet silfitu wkoll is-somma ta' tlett mitt lira Maltin f'Gunju tan-1998 sabiex ihallas xi pagament Ii kellu jaghti fuq mutur iehor ta' tip Honda Pan European lill-agent tal-Honda f'Malta. L-attrici kompliet tixhed Ii f'Dicembru tas-sena 1998 silfet lill-konvenut is-somma ta' mitt lira sabiex imur jixtri set tyres ghal mutur, cioe' il-mutur Pan European u kienet selfitu wkoll erbghin lira Maltin sabiex jixtri battery ghall-istess mutur. B'kollox ghalhekk silfitu s-somma ta' seba mija u ghaxar liri Maltin f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant b'kollox u ghar-ragunijiet kollha indikati f'paragrafu wiehed sa sitta tal-affidavit taghha l-attrici xehdet illi silfet il-konvenut is-somma ta' hames telef tlett mija u tlettax il-lira Maltin (LM5,313). L-attrici kompliet tixhed illi apparti mill-hlas lura tal-flus li silfet lill-konvenut hija qeghda tippretendi wkoll illi l-konvenut irroddilha lura zewg muturi illi ghalkemm huma proprjeta taghha illum jinsabu ghandu u l-konvenut qieghed jirrifjuta li jaghtihomha lura.

Illi l-attrici bdiet biex tixhed dwar il-mutur Honda XL70. Hija xehdet illi flimkien mac-citazzjoni hija esebiet kopja tal-Log book ta' dan il-mutur illi ma ghandux number plate. Hija xehdet illi fin-1997 hija xtaqet tixtri mutur u l-konvenut

kien qalilha li kien jaf b'mutur ghall-bejgh li kien ikun addattat ghaliha u marru jarawh flimkien ir-Rabat Malta ghand certu Mark Brincat li jghidulu ir-Rizzo. Dan il-mutur ghogobha u ftehmet ma Mark Brincat fuq il-prezz. Ftehmu fuq il-prezz ta' mija u hamsin lira (LM150) li hija hallset fi flus in kontanti, parti bhala deposit fil-prezenza tal-konvenut u bilanc meta marret mas-Sur Brincat sabiex isir it-transfer f'isimha. L-attrici xehdet illi flimkien mal-mutur kienet xtrat ukoll inkluz fl-istess prezz numru ta' spare parts ta' l-istess mutur li kien f'borza. Hija xehdet illi xtaqet illi qabel tibda isuq dan il-mutur idduru ftit. Ghalhekk poggew dan il-mutur fil-garaxx tal-familja tal-konvenut. Hija qalet illi spiss kienet titlob lill-konvenut sabiex jghallimha isuq il-mutur, izda ghal xi raguni jew ohra dan qatt ma gara u il-mutur baqa fil-garaxx tal-familja tal-konvenut. L-attrici umbaghad xehdet dwar il-mutur tal-ghamla Honda XL 250S numru ta' registrazzjoni HAU 108 u xehdet li fis-sena 2000 il-konvenut kien webbilha tixtri mutur iehor. Ghal ewwel ma rieditx peress illi diga kellha mutur li kienet qatt ma saqietu, izda fl-ahhar il-konvenut ikkonvinciha tmur mieghu Ghawdex ghand certu Gordon Micallef li dak iz-zmien kellu hanut tal-muturi bl-isem ta' Gordon's Auto Dealer fi Triq il-Knisja fl-Gharb minn fejn kien ibiegh muturi li huwa kien jimporta mill-Gappun. L-ewwel darba ma xtrat xejn, izda kienet rat xi muturi. Izda aktar tard f'Settembru ta' l-istess sena regghet telghet Ghawdex mal-konvenut u dakinhar xtrat minghand Gordon Micallef ta' Gordon's Auto Dealer mutur tal-ghamla Honda XL 250S ghall-prezz ta' elf mitejn u hamsin lira Maltin. Minn dawn kienet hallset sitt mitt lira deposit fi flus kontanti u iffirmat ukoll ftehim sabiex thallas il-bilanc permezz ta' tnax il-pagament ta' sittin lira Maltin fix-xahar. L-attrici esebiet kopja tal-ftehim immarkat bhala Dokument SS 13, kif ukoll kopja ta' hdax il-cheque li permezz taghhom kienet hallset hdax minn tnax il-pagament mensili li kienet intrabbtet li thallas; liema kopji gew immarkati Dokumenti SS 14 sa Dokument SS 16. L-attrici xehdet li dak iz-zmien kellha sitta u ghoxrin sena, mentri l-konvenut kien diga ghalaq tletin sena u meta marret biex thallas l-insurance fuq l-imsemmi mutur ghand l-Atlas Insurance f'Ta' Xbiex kienet giet infurmata illi b'din il-premium li kien ser ikollha thallas kien ser ikun gholi

peress illi kienet ghadha ma ghalqitx it-tletin sena, ghalhekk kellha taqbad lill-konvenut sabiex jirregistra l-mutur f'ismu sabiex b'hekk thallas l-insurance premium inqas u l-konvenut kien accetta. Izda qalet illi l-ideja kienet illi izjed tard il-mutur jigi registrat f'isimha. L-attrici kompliet tixhed illi sussegwentement kienet xtrat xi parts u acccessorji ghal dan il-mutur, uhud minnhom minghand Gordon Micallef stess u ohrajn minghand persuni ohra. Ghall-parts li xtrat minghand Gordon Micallef hallset b'cheque numru wiehed markat Dok SS 14 li kien jammonta ghal mija u ebgha u erbghin liri Maltin (LM144). Minn dawn sittin lira Maltin kienu jirrapprezentaw it-tieni pagament mensili li kienet qeghda thallas. Mentri l-bilanc ta' erbgha u tmenin lira Maltin kienu jirrapprezentaw hlas ghall-parts separati li kienet xtrat minghand Gordon Micallef. Effettivament dawn il-parts twahhlu fuq il-mutur. L-accessorji li hija xtrat ghal dan il-mutur kienu jinkludu top case, hand guards, disk brake protector, fork protector, skid plate, tool box u cover tal-mutur intier u il-konvenut ma kien hallas xejn ghal dawn l-accessorji. L-attrici xehdet li mis-sena 2000 sas-sena 2003 hija kienet hallset l-insurance u r-road licence ta' l-istess mutur xi drabi fi flus in kontanti u xi drabi permezz ta' cheques u il-konvenut ma kien hallas xejn peress illi l-mutur kien taghha. Madanakollu minkejja li l-mutur xtratu hi u hallsitu hi u minkejja l-fatt li kienet hallset l-insurance u ir-road licence il-konvenut kien qieghed isuq dan il-mutur bhala l-mezz ta' transport regolari tieghu. L-attrici kompliet tixhed illi meta hi u l-konvenut ma baqghux johorgu flimkien hija talbet lill-konvenut permezz ta' l-avukat taghha sabiex jirritornalha l-mutur u l-konvenut ma irrispondihiex. Hija xehdet li inkarigat lill-avukat taghha sabiex jikteb lill-konvenut wara illi fil-prezenza ta' Connie Magro kienet talbet lill-konvenut biex jirritornalha imqar il-mutur iz-zghir, cioe' il-Honda XL 70, izda il-konvenut kien irrifjuta minkejja li qatt ma cahad illi dawna l-muturi kienu fil-fatt jappartjenu lilha. Hija xehdet illi rigward il-mutur Honda XL 70 il-konvenut beda jargumenta maghha illi ghalkemm kien minnu illi kienet hi li hallset tieghu kien hu illi introduciha ma Mark Brincat u ghalhekk ma riedx jirritornalha l-mutur.

Ikkunsidrat :

Illi Connie Magro xehdet permezz ta' affidavit u qalet illi taf kemm lill-attrici, kif ukoll lill-konvenut. Hija xehdet illi ghall-habta ta' Jannar tas-sena 2004 kienet avvicinata l-attrici u kienet qaltilha li ma kienitx ser tibqa tohrog mal-konvenut u talbitha sabiex tiltaqa mal-konvenut fid-dar taghha sabiex tkellmu fil-prezenza taghha u dana peress illi bezghet mir-reazzjoni illi kien ser ikollu l-konvenut meta kienet set tghidlu li ma kienitx ser tibqa tohrog mieghu. Magro xehdet illi l-partijiet kienu iltaqghu ghandha xi gurnata jew tnejn wara u qalet illi l-partijiet damu jitkellmu quddiemha ghal zmien twil. Ftakret illi l-konvenut hareg numri ta' folji illi kellu b'xi kitba fuqhom u beda jaqrahomha u jitlobha tisimghu. L-attrici qaghdet tisimghu izda insistiet li ma rieditx tohrog mieghu. Magro xehdet illi f'hin minnhom l-attrici daret fuq il-konvenut u qaltlu biex jiehu hsieb ihallas liz-zija taghha u lin-nanna taghha. Qaltlu wkoll sabiex jaghtiha almenu il-mutur iz-zghir. Il-konvenut irrisponda lill-attrici fis-sens illi ma kienx bi hsiebu jaghtiha l-mutur iz-zghir u baqa jinsisti illi ma riedtx jaghtihulha u f'dan il-hin l-attrici qaltlu li b'daqshekk ma kienx ser izommha imdendla mieghu.

Illi fir-rigward tal-flus ix-xhud ftakkret li quddiemha issemmiet is-somma ta' tlett elef liri Maltin (LM3,000), izda ma tiftakarx jekk giex specifikat jekk dawn il-flus kienux jappartjenu lill-attrici jew inkella liz-zija jew lin-nanna taghha. Izda xehdet illi quddiemha il-konvenut fl-ebda mument ma cahad li kellu jaghti flus lill-attrici, jew liz-zija, jew lin-nanna taghha u lanqas ma cahad illi l-mutur iz-zghir kien fil-fatt ta' l-attrici. Ix-xhud ftakret li l-konvenut beda jghid li dak iz-zmien huwa ma kellux xoghol, izda kellu prospett illi isib xoghol tajjeb relatat mal-filming. Hija ftakret ukoll illi l-konvenut beda jirrabja u kellha tintervjeni hi sabiex tikkalma is-sitwazzjoni.

Illi l-Qorti rat ukoll ix-xhieda illi tat Doris Pace quddiem l-Assistent Gudizzjarju. Doris Pace xehdet illi hija in-nanna tal-attrici u li ghall-habta tas-sena 2000 hija silfet lill-attrici is-somma ta' elf lira illi ghadha ma hadithomx lura minghand l-attrici. Doris Pace xehdet illi ma kien hemm hadd prezenti meta silfet dawn il-flus lill-attrici u lanqas ma

saret xi kitba rigward dan is-self. Hija kompliet tixhed illi wara hafna zmien l-attrici kienet qaltilha illi dawk il-flus ma kienux ghaliha, izda ghal certu Charles illi dak iz-zmien l-attrici kienet ghadha tohrog mieghu. Ix-xhud qalet illi qatt ma kellmet lill-konvenut dwar dawn il-flus u il-konvenut qatt ma kien imur izurha. Hija xehdet ukoll illi fiz-zmien in kwistjoni il-konvenut kien l-gharus ta' l-attrici.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru 2005 u rat illi f'din is-seduta Dr Mark Busuttil iddikjara illi kien qieghed jirrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut. Il-konvenut f'din is-seduta kien iddikjara li kien ser jinkariga bhala avukat difensur tieghu lil Dr Mario DeMarco.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ressqet ukoll bhala xhud taghha lil Gordon Micallef illi xehed illi huwa jiggestixxi negozju minn fejn ibiegh muturi u ghandu hanut fl-Gharb Ghawdex f'Maple Leaf House, Church Street, bl-isem ta' Gordon's Auto Dealer. Huwa xehed illi f'Settembru tas-sena 2000 kienet gew il-hanut tieghu l-attrici u l-konvenut. Huwa kellu fil-hanut tieghu mutur tat-Tip Honda XL 250S li kien ghadu mhux registrat peress illi kien ghadu kif impurtah minn barra minn Malta. Huwa ftakar li kien sar xi diskors dwar dan il-mutur u illi dan il-mutur kellu xi hsarat fuq in-naha ta' wara tieghu. Izjed tard kien rega ra lill-partijiet fil-hanut tieghu bl-istess mutur u seta jinnota li kien sar xoghol fuq l-istess mutur u sa fejn jaf hu dan ix-xoghol kien ghamlu l-konvenut. Gordon Micallef kompla jixhed illi f'Settembru tas-sena 2000 il-konvenut kien qallu li kien bihsiebu jaghmel xi zmien jigri b'dan il-mutur sa kemm jghallem lill-attrici isuq dan il-mutur. Huwa kompla jixhed illi sa fejn jista jghid hu l-attrici kienet xtrat dan il-mutur minghandu u kienet hi li iffirmat l-invoice u kienet hi li hallsitu l-prezz li kienu ftehmu dwaru. Ix-xhud ftakar illi l-bilanc li kien ghad baqa u cioe' is-sitt mija u tmenin lira (LM680) kienet hallsitu kollu l-attrici. Ix-xhud annetta kopja ta' l-istatement li juru kif saru l-pagamenti bid-data ta' kull hlas. Finalment ix-xhud qal illi ghalkemm il-konvenut kien gie

mal-attrici ghax-xhud kien gie semplicement sabiex jghinha.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici iddikjarat illi ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2005.

Illi minkejja illi l-konvenut inghata zmien mill-10 ta' Novembru 2005 sat-23 ta' Jannar 2008 il-konvenut baqa ma inkarigax avukat difensur.

Illi l-Qorti rat ukoll il-verbal tal-14 ta' Gunju 2007 fejn Dr Mark Busuttil informa lill-Qorti illi huwa kien hallas l-ispejjez tar-registru in konnessjoni mal-prezentata tan-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut, u baqa ma thallasx ta' dawn l-ispejjez u wisq anqas tad-drittijiet professjonali tieghu. Il-Qorti dakinhar wissiet lill-konvenut illi jekk din is-sitwazzjoni kienet set tippersisti kienet ser thalli l-kawza ghas-sentenza fuq il-provi illi ghandha.

Illi l-Qorti rat ukoll illi ghas-seduta tat-23 ta' Jannar 2008 dehret biss l-attrici u deher biss Dr Mark Busuttil u l-konvenut imsejjah diversi drabi ma deherx, u kif ukoll baqa ma deher l-ebda avukat difensur sabiex jassistih.

Ghaldaqstant il-Qorti jidhrilha li tat bizzejjed opportunitajiet lill-konvenut sabiex irressaq il-provi tieghu u ser tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza fuq il-provi li ressqet l-attrici.

Il-Qorti tara mill-asjem tal-provi kollha prodotti u minn ezami akkurat tad-dokumenti kollha li gew esebiti illi l-attrici irnexxielha tipprova ampjament it-talbiet kollha taghha u ghaldaqstant il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut tilqa l-ewwel talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hamest elef mitejn u tlett Liri Maltin (Lm5,203), ekwivalenti ghas-somma ta' tnax il-elf mija u dsatax il-euro u tlieta u sebghin euro centezmu (€12,119.73); tilqa wkoll it-tieni talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut qieghed izomm ghandu minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi l-mutur tat-tip Honda XL70, minghajr numru

ta' registrazzjoni izda registrat f'isem l-attrici ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta; filwaqt illi tiddikjara illi l-imsemmi mutur huwa proprjeta ta' l-istess attrici; u tilqa t-tielet talba attrici u tiddikjara illi l-mutur tat-tip Honda XL250S bin-numru ta' registazzjoni HAU 108 u l-parts relativi tieghu jappartjenu u huma propjeta' tal-attrici u illi l-konvenut qieghed jiddetjeni ghandu l-imsemmi mutur u parts minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi; tilqa wkoll ir-raba talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar mill-lum jikkonsenja lill-attrici il-mutur tat-tip Honda XL70, kif ukoll il-mutur tat-tip Honda XL250S bin-numru ta' registazzjoni HAU 108 u l-parts relativi tieghu kollox kif diga ahjar deskritt; tilqa wkoll il-hames talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex fl-istess zmien xahar mil-lum jaghmel dak kollu necessarju minnu sabiex ir-registrazzjoni tal-vettura XL205S ma' l-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta tinbidel sabiex turi lill-attrici bhala s-sid ta' l-imsemmija vettura;

Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------